wara xi ħġieġa. Fil-mixja jirrifletti wkoll dwar il-bidliet fil-knisja minkejja li llum il-bidlet huma ħafna aktar frekwenti u ikbar: "F'ħamsin sena tal-lum il-bidliet huma forsi ħames mitt darba akbar mill-bidliet li kienu jseħħu f'ħames mitt sena qabel."

Paul P.Borg issa huwa magħruf sew għal kitbiet ambjentali tiegħu u għall-imħabba tiegħu għal għerf ta' missirijietna li tant qed jara kif ser jiddokumenta. F'din l-istorja l-protagonista jiġi għal mawra f'Malta wara 50 sena fl-Awstralja "bit-tama tar-riħa tar-rebbiegħa fil-widien". Iżda minflok jara li "nqered il-kol u l-gremxul u għosfru t-tfal kollha b'wiċċhom ħamrani ferħana u daħkana." U jkompli li "flok il-kampnari u l-koppli ħomor itawlu għonqhom biex jilħqu leħen il-Ħallieq qabel kulħadd, kien hemm issa torrijiet ikissru f'nofs ġmiel qadim li darba kienet il-melodija tal-ambjent qadim tal-Mediterran u li issa ntemmet u m'għadhiex." Fuq l-istess spirtu hija l-istorja ta' Jean Paul Borg fejn il-protagonista jiġi Malta wara 50 sena u jinnota l-isfruttament u l-ħakma tal-iżvilupp fuq il-gżira.

Nikkwota lill-editur ta' dan il-ktieb Ġorġ Mallia, li jfisser l-istorja ta' Norbert Bugeja bħala "poeżija pura, hekk kif il-mara u l-ambjent li jilqagħha jitwaħħdu f'memorja."

Ħelwa ħafna l-istorja ta' Trevor Zahra fejn fost oħrajn jilgħab bin-numri b'relevanza għall-kontenut tal-istorja li lkoll it-total tagħhom jiġi ħamsin.

Nifhmu li l-editur ta' dan il-ktieb, Ġorġ Mallia, kellu biċċa xogħol mhux faċli biex jagħrbel dawn ix-xogħlijiet u dak li ġie ppreżentat quddiemu. Kruċjali f'dan il-ktieb, l-informazzjoni dwar l-awturi u għalhekk wieħed mhux biss qed ikollu l-istejjer imma fihom infushom dan it-tagħrif huwa dokumentazzjoni ta' bosta awturi Maltin, 24 b'kollox li pppublikaw mal-Klabb Kotba Maltin. Ta' min wieħed ifaħħar il-preżentazzjoni ta' dan il-ktieb, kif inhu xieraq, b'qoxra iebsa u b'karta u tipa li tappella waqt il-qari. Fl-istess ħin dan huwa ktieb li wieħed għandu jżomm fil-librerija tiegħu, naturalment wara li jieħu gost jaqrah, bħala tifkira ta' din id-dar tal-pubblikazzjoni li tant għamlet ġid għall-ktieb Malti.

## Għal Dejjem ... U Ftit ta' Helen Borg

Il-ħajja taf tinbidel minn mument għall-ieħor. Bħall-baħar bnazzi li f'tebqa t'għajn jurik snienu u jsabbtek mal-blat sakemm iħallik għajjien kollok ġrieħi, titqabad mal-kurrent. Meta d-dinja tħossha ċċedi madwarek, l-imħabba biss tista' twieżnek u ssostnik.

Liema mħabba żammitu f'wiċċ l-ilma lil Antonio meta kollox kien jidher mitluf?

Min hi l-ħabiba mhux tas-soltu li bl-għajnuna tagħha jirnexxilu jibqa' jgħix?

## Lil min ħabb għal dejjem... u ftit?

Dwar Dan Il-Ktieb L-Awtur Michael Cini Kiteb Hekk, "Il-Malti jgħid li l-ewwel ma tiekol, l-għajn. U tassew li hekk ġara lili malli rajt il-qoxra, il-qosor tal-kapitli u l-preżentazzjoni ta' dan il-ktieb. Għalhekk ma ddispjaċinix li xtrajtu għax ir-rakkont ta' dan ir-rumanz huwa tassew oriġinali.

Matul il-ġrajja ta' GĦAL DEJJEM … U FTIT tal-awtriċi Helen Borg, jispikka l-element romantiku fejn l-aspett emozzjonanti tal-imħabba joħroġ b'qawwa sopranaturali. Imħabba mitlufa li terġa' tinstab … anki wara li persuna tiġi nieqsa għal dejjem … u ftit.

Tul ir-rakkont, il-qarrej jiltaqa' ma' sekwenzi ta' ħajjiet li ma jintemmu qatt, imżewqin b'imħabba tassew ġenwina u eterna. U dan minkejja kemm dawn il-persuni jsofru meta jaraw lill-maħbubin tagħhom jitwieldu, jgħixu u jmutu, waqt li huma ma jixjieħu qatt. It-tbatija ta' dawk li ma jistgħux jgħixu ħajja normali hija notevoli, għax xi drabi huma mċaħħdin mill-imħabba, mill-pjaċiri sempliċi u l-bżonnijiet naturali bħalma huma l-ikel u l-irqad.




U huwa proprju hawnhekk fejn dawn il-ħajjiet isibu ruħhom f'kunflitt meta jinqabdu bejn il-ħajja u l-mewt. F'kuntatt mal-ħajjin u anki ma' dawk li tinżel tiġborhom il-mewt fejn xi wħud minnhom, jerġgħu jitwieldu biex mill-ġdid jiltaqgħu mal-imħabba ta' ħajjithom. Għax f'dan ir-rumanz, tassew li l-imħabba ma tmut qatt!

Hawnhekk tajjeb li wieħed isemmi kemm hija interessanti l-ispjegazzjoni li l-awtriċi jirnexxilha tagħti tal-personifikazzjoni tal-mewt. In-nuqqas tal-emozzjonijiet li tesebixxi, kif ma tifhimx x'inhi l-imħabba u x'kapaċi tagħmel biex tiffavorixxi lill-alleati tagħha li għalkemm imdakkrin minnuqqas tal-ħajja, xorta waħda jibqgħu jgħixu fuq din id-dinja biex ifittxu l-imħabba.

Fir-rumanz ta' Helen Borg insibu deskrizzjonijiet reali ta' persuni li ġejjin minn żminijiet 'il bogħod u li jgħixu f'pajjiżi differenti. Rakkonti vivaċi ta' avvenimenti storiċi magħrufa u li seħħew tassew, ilaqqgħuna ma' personaġġi importanti li ħallew impatt fuq l-istorja ta' Malta, kif ukoll tad-dinja. Jidher ċar li biex kitbet dan ir-rumanz, Borg għamlet riċerka estensiva kemm mill-aspett storiku kif ukoll fuq bosta elementi oħrajn, fosthom dawk mistiċi u misterjużi, li lkoll flimkien jagħmlu dan ir-rumanz tassew oriġinali.

Ġrajja ta' mħabba fantastika fejn is-sorpriżi eċitanti, u speċjalment dawk romantiċi ma jonqsu qatt, għaliex b'mod tassew misterjuż jibqgħu jirrepetu ruħhom għal dejjem … u ftit!

Prosit tassew lil din l-awtriċi."

Dan il-ktieb jista' jinkiseb mis-sit www.horizons.com.mt jew mill-ħwienet ewlenin.